Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2025/2184(INI)

26.2.2026

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi – It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ
(2025/2184(INI))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Hristo Petrov

WERREJ

Paġna

NOTA SPJEGATTIVA – SOMMARJU TAL-FATTI U S-SEJBIET 3

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 7

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT 12

NOTA SPJEGATTIVA – SOMMARJU TAL-FATTI U S-SEJBIET

Dan ir-rapport ta' implimentazzjoni għandu ambizzjoni ċara: li l-appoġġ attiv għall-impjieg taż-żgħażagħ isir prijorità politika fil-qalba tal-aġenda tal-UE u l-politiki nazzjonali. Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ tirrappreżenta impenn politiku qawwi, wegħda li toffri lil kull żagħżugħ taħt l-età ta' 30 sena impjieg ta' kwalità tajba, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew opportunità ta' traineeship fi żmien erba' xhur minn meta tingħata s-sensja jew mit-tluq mill-edukazzjoni. Dan l-impenn, li sar fl-2013 u li ġġedded fl-2020, jirfed il-kredibbiltà tal-Unjoni Ewropea lejn iż-żgħażagħ tagħha.

Ir-riżultati huma tanġibbli. Għalkemm dawn iċ-ċifri ma jistgħux jiġu attribwiti biss għall-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, il-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-UE naqas bi kważi għaxar punti perċentwali f'għaxar snin. Aktar minn 60 miljun żagħżugħ u żagħżugħa bbenefikaw minn skemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ, u t-tisħiħ ta' dan l-istrument wassal għal riformi istituzzjonali fl-Istati Membri. L-attraenza ta' din il-politika testendi wkoll lil hinn mill-fruntieri tagħna, bl-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ diġà qed jiġu żviluppati fil-pajjiżi ġirien, b'mod partikolari fil-Balkani tal-Punent. Madankollu, dawn il-kisbiet m'għandhomx joskuraw il-fatt li l-qgħad fost iż-żgħażagħ għadu kważi tliet darbiet ogħla minn dak tal-popolazzjoni kollha kemm hi, u x-xejra 'l isfel staġnat matul l-aħħar tliet snin. Is-sitwazzjoni tibqa' urġenti għal xi wħud.

In-numru ta' żgħażagħ barra mill-impjieg, edukazzjoni jew taħriġ (NEET) għadu allarmanti f'xi Stati Membri. Dan il-fenomenu jaffettwa lin-nisa, lir-Rom, liż-żgħażagħ b'diżabilità u lil gruppi vulnerabbli oħra b'mod aktar sever. Jenfasizza l-inadegwatezza ta' approċċ wieħed tajjeb għal kulħadd u jissottolinja l-ħtieġa għal implimentazzjoni mmirata, territorjalizzata u inklużiva tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ. Li dawn iż-żgħażagħ jibdew jaħdmu mhuwiex biss imperattiv mill-punt di vista soċjali, iżda wkoll rispons strateġiku għan-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet li qed iżommu lura l-ekonomiji tagħna.

Sabiex naġixxu b'mod effettiv, jeħtieġ li jkun hemm fehim preċiż tal-gruppi fil-mira. In-nuqqas ta' data dettaljata dwar il-profili tan-NEET huwa ostaklu kbir. L-immappjar fil-fond tas-sottogruppi NEET u l-karatteristiċi tagħhom huwa essenzjali sabiex jiġu żviluppati reazzjonijiet xierqa. Iż-żgħażagħ ikkonċernati għandhom ikunu involuti wkoll fit-tfassil tal-miżuri maħsuba għalihom. L-ebda politika ta' inklużjoni ma tista' tirnexxi mingħajr il-parteċipazzjoni attiva tal-benefiċjarji tagħha.

L-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa tenfasizza ambizzjoni politika inkontestabbli u sjieda nazzjonali b'saħħitha, iżda wkoll il-limitazzjonijiet li wieħed jiltaqa' magħhom fl-operazzjonalizzazzjoni tagħha. Ma hemm l-ebda mudell uniku, iżda pluralità ta' mudelli, li jirriflettu t-tradizzjonijiet istituzzjonali u r-realtajiet tas-suq tax-xogħol tal-Istati Membri. Xi wħud integraw il-Garanzija għaż-Żgħażagħ fis-sistemi eżistenti tagħhom, filwaqt li oħrajn ħolqu mudelli ddedikati. Xi wħud għandhom governanza ċentralizzata fil-livell nazzjonali, filwaqt li oħrajn iddevoluwha fil-livelli lokali. Xi wħud jiffavorixxu approċċ ta' "l-impjieg l-ewwel", filwaqt li oħrajn jiffukaw fuq it-taħriġ.

Din id-diversità hi kwalità ta' valur. Madankollu, dan ma jistax jiġġustifika lakuni eċċessivi fil-prestazzjoni fl-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ. L-indikaturi ta' monitoraġġ dirett fil-livell tal-UE juru realtà kontrastanti. Hemm wisq żgħażagħ li ma jirċevux offerta fi żmien erba' xhur, u ftit wisq minnhom isibu impjieg sostenibbli. Sadanittant, hemm nuqqas

serju ta' indikaturi ta' segwitu f'termini tal-kwantità u l-kwalità tad-data miġbura. L-inabbiltà amministrattiva jew legali ta' ċerti servizzi li jikkondividu l-informazzjoni u jimmonitorjaw il-progress hija ostaklu strutturali li jrid jingħeleb. It-titjib tas-sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni fl-Istati Membri għandu jsir prijorità politika.

B'mod aktar inkwetanti, il-maġġoranza tan-NEETs, b'mod partikolari dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol, jibqgħu barra mill-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ. Iż-żgħażagħ li huma inattivi, li jgħixu f'żoni rurali jew emarġinati, u li mhumiex irreġistrati mas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, jaqgħu barra mir-radar istituzzjonali. L-awtoritajiet responsabbli għall-implimentazzjoni spiss ma jkollhomx ir-riżorsi umani u finanzjarji biex jilħqu lil dawn il-gruppi. B'riżultat ta' dan, dawk li l-aktar jeħtieġu appoġġ huma preċiżament dawk li jirċievu l-inqas. Din is-sitwazzjoni hija politikament inaċċettabbli. Hemm ħtieġa urġenti li jissaħħu r-riżorsi amministrattivi u umani speċjalizzati fl-appoġġ għall-impjieg taż-żgħażagħ proporzjonati mal-isfidi li għandhom jiġu ffaċċjati.

L-għarfien huwa ġeneralment baxx. F'diversi Stati Membri, il-Garanzija għaż-Żgħażagħ hija inkorporata fi skemi usa' mmirati b'mod aktar ġenerali lejn iż-żgħażagħ jew l-impjieg tal-popolazzjoni kollha, sal-punt fejn issir inviżibbli. Xi benefiċjarji lanqas biss jafu li qed jipparteċipaw fi skema ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ. Madankollu, politika li la hija identifikata u lanqas mifhuma titlef l-effettività u l-leġittimità tagħha.

Il-prevenzjoni għandha ssir pilastru ċentrali. Il-garanzija għaż-Żgħażagħ ma tistax tiffunzjona bħala politika iżolata li tintervjeni biss fl-aħħar tal-katina. Il-ġlieda kontra t-tluq bikri mill-iskola, l-appoġġ lill-istudenti f'diffikultà u l-għoti ta' appoġġ wara l-kollokament huma essenzjali biex jiġu evitati ritorni ripetuti għall-istatus ta' NEET. L-inklużjoni sostenibbli teħtieġ approċċ kontinwu, integrat u konsistenti.

Il-faża preparatorja hija ugwalment kruċjali. Ħafna żgħażagħ vulnerabbli mhumiex lesti immedjatament biex jidħlu fis-suq tax-xogħol. Jeħtieġu gwida individwalizzata, appoġġ psikosoċjali u taħriġ fil-ħiliet bażiċi. Dan l-appoġġ irid jindirizza l-kawżi ewlenin tal-esklużjoni soċjali qabel ma dawn in-NEETs ikunu jistgħu jiġu integrati mill-ġdid. L-inklużjoni attiva taż-żgħażagħ l-aktar emarġinati trid issir il-prijorità ewlenija tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa.

F'dan il-kuntest, il-validazzjoni tal-ħiliet miksuba f'ambjenti informali jew mhux formali hija lieva strateġika. Ħafna żgħażagħ għandhom ħiliet żviluppati fil-familja, fil-komunità jew fl-ambjenti soċjali tagħhom, iżda dawn mhumiex rikonoxxuti uffiċjalment. Il-validazzjoni ta' dawn il-ħiliet tista' tneħħi l-ostakli għall-impjieg u tippromwovi t-talent lokali.

It-tħejjija tikkonċerna wkoll l-istituzzjonijiet. Is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u l-organizzazzjonijiet sħab spiss ma jkollhomx persunal kwalifikat biex jittrattaw l-aktar sitwazzjonijiet kumplessi. Dan iwassalna għall-estensjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ għal dawk li għandhom bejn 25 u 29 sena, li hija politikament rilevanti minħabba li t-tranżizzjonijiet għall-impjieg huma itwal u aktar instabbli. Iżda mingħajr riżorsi addizzjonali, din l-espansjoni tnaqqas l-isforzi u ma tipprovdix appoġġ adegwat għal dan il-grupp ta' età ġdid. Approċċ verament individwalizzat jeħtieġ aktar riżorsi. Inkella, il-ġeneralizzazzjoni standardizzata tas-servizzi fl-aħħar mill-aħħar se tiswa aktar minħabba l-effettività limitata tagħha fit-tnaqqis tal-inugwaljanzi u l-integrazzjoni tan-NEETs fit-tul.

Għandha ssir kunsiderazzjoni bir-reqqa dwar l-ibbilanċjar mill-ġdid tal-offerti proposti. Filwaqt

li l-prijorità mogħtija lill-impjieg hija komprensibbli minħabba l-urġenza finanzjarja li jiffaċċjaw iż-żgħażagħ, l-impjiegi sussidjati mhux dejjem jiggarantixxu integrazzjoni fit-tul. Ir-ritorn frekwenti għall-prekarjetà huwa evidenza ċara. L-għażla tal-aktar offerta xierqa għal kull profil individwali, jew taħlita ta' edukazzjoni, apprendistati, internships u impjiegi, tista' twassal għal riżultati aktar robusti u sostenibbli.

L-opportunitajiet ta' volontarjat jistħoqqilhom li jiġu inklużi bħala kategorija ġdida ta' offerti tal-iskema ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ. Għal xi żgħażagħ, il-volontarjat jista' jipprovdi qafas flessibbli għall-iżvilupp tal-ħiliet, il-bini mill-ġdid tar-rabtiet soċjali u t-tħejjija għall-impjieg. Madankollu, dawn l-għażliet ġodda jridu jkunu akkumpanjati minn finanzjament addizzjonali sabiex ma jiddgħajfux l-iskemi eżistenti.

Il-kwistjoni tal-kwalità tal-offerti tibqa' ċentrali. L-allinjament tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa mal-oqfsa Ewropej tal-kwalità u mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ma kienx biżżejjed biex jagħmel differenza reali għall-benefiċjarji. Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni fil-livell tal-UE jista' jippermetti skambju strutturat ta' prattiki tajba, kif ukoll armonizzazzjoni tal-kriterji ta' evalwazzjoni u monitoraġġ aktar rigoruż tal-kwalità tal-kollokamenti.

Is-suċċess tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ jiddependi wkoll fuq sħubijiet b'saħħithom bejn il-ministeri, is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, is-servizzi tal-edukazzjoni, il-fornituri tat-taħriġ, is-sħab soċjali, il-kunsilli nazzjonali taż-żgħażagħ, l-NGOs u l-awtoritajiet lokali. Approċċ kollaborattiv jippermetti l-ħolqien ta' network ta' appoġġ integrat u jgħin biex tinbena mill-ġdid il-fiduċja maż-żgħażagħ li huma l-aktar' il bogħod mis-suq tax-xogħol.

Is-sinerġiji jridu jissaħħu wkoll mal-Garanzija Ewropea għat-Tfal sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-appoġġ għall-grupp ta' età bejn il-15 u t-18-il sena u biex jiġi evitat li l-vulnerabbiltajiet jistabbilixxu ruħhom. Approċċ aktar komprensiv ma' strateġiji oħra ta' inklużjoni tal-UE, bħall-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom jew l-Istrateġiji tal-UE għall-Unjoni tal-Ugwaljanza, isaħħaħ l-azzjoni favur iż-żgħażagħ irrispettivament mis-sitwazzjoni tagħhom.

L-ebda ambizzjoni politika ma tista' titwettaq mingħajr riżorsi finanzjarji adegwati. Ir-rabta diretta mal-FSE+ u l-allokazzjoni ddedikata ta' 12.5 % fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021–2027 ippermettew progress sinifikanti. Madankollu, id-diffikultajiet fl-assorbiment tal-fondi f'xi Stati Membri u t-tneħħija ta' finanzjament allokat fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali propost għall-2028–2034 joħolqu riskju reali għas-sostenibbiltà u l-effettività tal-finanzjament tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ.

Minħabba r-riżultati tal-implimentazzjoni li għadhom mhux uniformi u d-disparitajiet persistenti bejn l-Istati Membri, hija meħtieġa spinta politika biex tiġi appoġġjata t-tranżizzjoni taż-żgħażagħ lejn is-suq tax-xogħol. Fejn ir-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ u tan-NEET jaqbżu l-medja tal-UE, il-Kummissjoni trid tadotta deċiżjonijiet vinkolanti. L-għan mhuwiex li jiġu penalizzati l-Istati Membri inkwistjoni, iżda li jintalbu pjanijiet ċari ta' titjib għat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva, it-titjib tal-kopertura tal-gruppi fil-mira, b'mod partikolari dawk li huma l-aktar diffiċli biex jintlaħqu, l-iżvilupp ta' strateġiji ambizzjużi ta' sensibilizzazzjoni, it-titjib tal-kwalità tal-offerti u l-istabbiliment ta' sistemi affidabbli ta' ġbir ta' data. L-għan aħħari huwa li tittejjeb il-konverġenza soċjali 'l fuq fl-Unjoni Ewropea u li jiġu pprovduti soluzzjonijiet prattiċi għaż-żgħażagħ tagħna.

Il-garanzija għaż-Żgħażagħ trid issir dak li taspira li tkun: wegħda kredibbli ta' inklużjoni,

awtonomija u dinjità għaż-żgħażagħ kollha.

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi – It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ
(2025/2184(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi - It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 145, 147, 149, 165, 288 u 292 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 14, 15, 21 u 31 tagħha,

– wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklamat u ffirmat mill-Kunsill, mill-Parlament u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017, b'mod partikolari l-Prinċipji 1, 3 u 4 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ[2],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ottubru 2020 bit-titolu "Unjoni tal-Ugwaljanza: Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni" (COM(2020)0620),

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal[3],

– wara li kkunsidra l-qafas tas-Semestru Ewropew u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi,

– wara li kkunsidra l-qafas ta' monitoraġġ u rappurtar tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) għall-Garanzija għaż-Żgħażagħ, inklużi indikaturi ta' monitoraġġ dirett, indikaturi ta' segwitu u messaġġi ewlenin użati fis-sorveljanza multilaterali tal-implimentazzjoni tagħha,

– wara li kkunsidra l-indikaturi tal-Eurostat dwar il-qgħad fost iż-żgħażagħ u ż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs),

[1] ĠU C 372, 4.11.2020, p. 1.
[2] ĠU C 120, 26.4.2013, p. 1.
[3] ĠU L 223, 22.6.2021, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2021/1004/oj.

– wara li kkunsidra r-rapporti ta' monitoraġġ u l-ġbir tad-data tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013[4],

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi[5],

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2014 dwar Qafas ta' Kwalità għat-Traineeships[6],

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza[7],

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali[8],

– wara li kkunsidra r-rapport speċjali Nru 3/2015 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) tal-24 ta' Marzu 2015 bit-titolu "Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ tal-UE: ittieħdu l-ewwel passi iżda hemm riskji fil-ġejjieni għall-implimentazzjoni", u r-rapport speċjali tiegħu Nru 5/2017 tal-4 ta' April 2017 bit-titolu "Il-qgħad fost iż-żgħażagħ — il-politiki tal-UE għamlu differenza?",

– wara li kkunsidra l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni Ewropea tat-18 ta' Diċembru 2025 bit-titolu "The implementation of the reinforced Youth Guarantee — Trends in EU Member States, impact, EU funding and governance" (L-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa — Xejriet fl-Istati Membri tal-UE, l-impatt, il-finanzjament tal-UE u l-governanza) ippubblikata mis-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar il-Garanzija għaż-Żgħażagħ[9],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A10-0000/2026),

A. billi l-Garanzija għaż-Żgħażagħ (RYG) imsaħħa hija impenn li sar mill-Istati Membri liż-żgħażagħ taħt l-età ta' 30 sena biex joffrulhom impjieg ta' kwalità tajba, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew opportunità ta' traineeship fi żmien erba' xhur minn meta jsiru

[4] ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1057/oj.
[5] ĠU C 153, 2.5.2018, p. 1.
[6] ĠU C 88, 27.3.2014, p. 1.
[7] ĠU C 417, 2.12.2020, p. 1.
[8] ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1.
[9] ĠU C 395, 29.9.2021, p. 101.

qiegħda jew minn meta jitilqu mill-edukazzjoni;

B. billi huwa diffiċli li tiġi stabbilita rabta kawżali diretta bejn l-implimentazzjoni tal-RYG u r-riżultati osservati f'termini ta' tnaqqis fir-rata tan-NEET u l-qgħad fost iż-żgħażagħ;

Tendenzi fl-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ

1. Jilqa' l-prestazzjoni b'saħħitha tas-swieq tax-xogħol fl-UE u r-rati tal-qgħad storikament baxxi; jiddispjaċih, madankollu, li din ix-xejra mhijiex qed ikollha impatt akbar fuq iż-żgħażagħ, li r-rata tal-qgħad tagħhom hija ta' madwar 15 %, li għadha kważi tliet darbiet ogħla mir-rata għall-popolazzjoni ġenerali;

2. Jilqa' x-xejra 'l isfel fir-rata ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) fl-UE mill-introduzzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, li naqset għal 11.1 % fl-2024; jinnota, madankollu, disparità bejn l-Istati Membri, fejn xi wħud diġà laħqu l-mira tal-2030 u oħrajn għad għandhom għadd għoli b'mod allarmanti ta' NEETs;

3. Jenfasizza li l-indikaturi ta' monitoraġġ dirett għall-Garanzija għaż-Żgħażagħ jissuġġerixxu sfidi sinifikanti u persistenti fit-tħaddim u t-twettiq tal-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ; jenfasizza, b'mod partikolari, li fl-2024 aktar minn nofs il-parteċipanti (54 %) baqgħu fil-fażi preparatorja għal aktar minn erba' xhur, u li l-ħruġ pożittiv u f'waqtu mill-fażi preparatorja rrappreżenta inqas minn nofs il-każijiet (45.1 %);

4. Jisħaq li l-indikaturi ta' segwitu jbatu minn nuqqas ta' data u dgħufijiet metodoloġiċi f'diversi Stati Membri;

5. Jissottolinja li ċerti żgħażagħ jinsabu f'sitwazzjoni soċjali partikolarment vulnerabbli u jiffaċċjaw riskju ogħla ta' qgħad, kif ukoll ostakli strutturali għall-aċċess għat-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet;

6. Jenfasizza li l-integrazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI) fil-FSE+ wasslet għal obbligu li 12.5 % tal-FSE+ jiġi allokat għal azzjonijiet u riformi li jippromwovu l-impjiegi taż-żgħażagħ, il-VET u t-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol għall-Istati Membri b'rata ta' NEET ogħla mill-medja tal-UE; jiddispjaċih ħafna li din l-allokazzjoni, legat tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, mhijiex inkluża fil-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2028–2034;

L-impatt tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa

7. Jirrikonoxxi li l-RYG aġixxa bħala katalist għal riformi istituzzjonali u innovazzjonijiet ta' politika madwar l-Istati Membri, u wassal ukoll għal riflessjoni dwar ir-riorganizzazzjoni ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol għaż-żgħażagħ;

8. Jenfasizza li l-impatt tal-RYG mhuwiex uniformi madwar l-Istati Membri f'termini tal-implimentazzjoni tiegħu u fir-rigward tal-elementi speċifiċi tat-tisħiħ;

9. Jiddispjaċih li l-għarfien tal-iskemi tal-RYG għadu baxx fost iż-żgħażagħ u, sa ċertu punt, fost l-awtoritajiet, minbarra dawk direttament responsabbli għall-iskemi jew għall-kwistjonijiet ta' impjieg;

10. Jinnota li s-sensibilizzazzjoni tibqa' wieħed mill-ostakli ewlenin għall-implimentazzjoni tal-RYG; jiddispjaċih li l-miżuri huma prinċipalment passivi u bbażati biss fuq in-NEETs irreġistrati mas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES);

11. Jesprimi tħassib dwar l-ekwità tal-iskemi tal-RYG f'termini tal-kapaċità tagħhom li jilħqu gruppi vulnerabbli u inattivi, b'mod partikolari f'żoni remoti, bħall-komunitajiet Rom;

12. Jinsab imħasseb dwar ix-xejra osservata fl-iskemi tal-RYG ta' bidla minn servizzi personalizzati għal servizzi ġeneralizzati;

13. Jinnota li minkejja enfasi fuq l-allinjament tal-kriterji ta' kwalità fuq l-oqfsa tal-UE, il-kwalità tal-offerti rat titjib materjali limitat ħafna mill-introduzzjoni tal-RYG;

14. Iqis li l-RYG ma laħaqx bis-sħiħ l-objettivi tiegħu u jeħtieġ aktar titjib biex jitnaqqas id-distakk bejn l-ambizzjoni ta' dan l-istrument u l-implimentazzjoni prattika tiegħu;

Rakkomandazzjonijiet

15. Jistieden lill-Istati Membri jwettqu titjib immirat tal-kapaċitajiet amministrattivi speċifiċi tal-PES u ta' entitajiet nazzjonali oħra responsabbli għall-implimentazzjoni tal-RYG;

16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ komprensiv biex jindirizzaw l-ostakli kumplessi li jiffaċċjaw in-NEETs, sabiex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-esklużjoni soċjali qabel ma tiġi indirizzata s-sitwazzjoni tal-impjiegi għan-NEETs;

17. Jenfasizza li approċċ kollaborattiv huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni b'suċċess tal-RYG; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni bejn il-ministeri, il-PES, is-sħab soċjali, l-atturi tas-suq tax-xogħol, il-kunsilli nazzjonali taż-żgħażagħ u s-soċjetà ċivili fil-livell ċentrali u lokali biex jiżguraw li kulħadd jaħdem fi ħdan network integrat ta' servizzi għan-NEETs;

18. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkludu fl-iskemi tal-RYG sett ta' miżuri preventivi li jiffukaw fuq it-tluq bikri mill-iskola sabiex jiġu evitati impatti aktar tard fuq il-ħajja taż-żgħażagħ;

19. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-offerta tal-VET tagħhom u jimmodernizzaw is-sistemi ta' tagħlim tul il-ħajja tagħhom, b'mod partikolari billi jesploraw għażliet għal kontijiet ta' taħriġ individwali jew fondi ta' taħriġ f'konformità mal-mudelli nazzjonali;

20. Jitlob, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali, sinerġija akbar bejn l-istrumenti tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u tal-Garanzija għat-Tfal, b'mod partikolari biex jiġi pprovdut appoġġ kontinwu lit-tfal fil-bżonn, mill-età ta' bejn il-15 u t-18-il sena u meta jsiru adulti żgħażagħ; jisħaq li dan l-approċċ integrat irid ikollu l-għan li jipprevjeni l-fenomenu tal-"care cliff" (irdum tal-kura;

21. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-miżuri ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn in-NEETs vulnerabbli fil-livell nazzjonali u lokali u jagħmlu l-attivazzjoni ta' dan il-grupp l-ogħla prijorità tal-implimentazzjoni tagħhom tal-RYG;

22. Jistieden lill-Istati Membri, f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2012,

isaħħu s-sistemi tagħhom għall-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali; iħeġġeġ l-adattament ta' dawn is-sistemi biex jintlaħqu NEETs vulnerabbli billi jissaħħu l-kapaċitajiet ta' dawk responsabbli għall-validazzjoni, jew billi jiġu offruti arranġamenti speċifiċi, filwaqt li tiġi żgurata l-kwalità ta' dawn il-proċeduri;

23. Jistieden lill-Istati Membri jibbilanċjaw mill-ġdid l-offerti pprovduti taħt l-iskemi RYG lejn l-iżvilupp tal-ħiliet billi jnaqqsu d-dipendenza fuq l-impjiegi u l-impjiegi sussidjati bħala miżura prestabbilita;

24. Jirrakkomanda l-ħolqien tal-ħames fergħa għall-iskemi tal-RYG, li tiffoka fuq l-opportunitajiet ta' volontarjat; jenfasizza li l-volontarjat għandu l-potenzjal li jtejjeb il-ħiliet u l-impjegabbiltà tan-NEETs u li jakkomoda liż-żgħażagħ vulnerabbli b'mod aktar flessibbli;

25. Jistieden lill-Kummissjoni tniedi metodu miftuħ ta' koordinazzjoni dwar il-kwalità tal-offerti tal-RYG;

26. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jallokaw finanzjament adegwat għall-RYG fil-QFP li jmiss, b'mod partikolari billi jżommu l-allokazzjoni tal-fondi tal-UE;

27. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu b'mod sinifikanti s-sistemi tagħhom għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RYG f'termini tal-kwalità u l-kompletezza tad-data miġbura;

28. Jinnota li r-riżultati tal-implimentazzjoni tal-RYG mhumiex uniformi u li l-isfidi identifikati għadhom rilevanti sal-lum; jistieden lill-Kummissjoni tadotta deċiżjonijiet wara l-proċedura leġiżlattiva ordinarja diretta lejn l-Istati Membri li r-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ u tan-NEET tagħhom huma ogħla mill-medja tal-UE;

°

° °

29. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li fir-rapport tiegħu inkluda kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċieva, għat-tħejjija tal-abbozz ta' rapport, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1] li ġejjin, jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
European Youth Forum
Youth Guarantee coordinator in Bulgaria
Fundación Secretariado Gitano
European Commission (DG EMPL)
European Commission (DG EAC)
European Trade Union Confederation (ETUC)
European Training Foundation
Business Europe
CEDEFOP
Youth Guarantee coordinator in Czechia
Youth Guarantee coordinator in Romania
Eurofound
Office of the Youth Guarantee coordinator in France

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn, ir-rapporteur jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).